Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 42/2019: FL-ATTI TAL-ATT ĠUDIZZJARJU MRESSAQ AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 466 TAL-KAPITOLU 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA FIT-13 TA' FRAR 2019 B'RIF. NRU. 245/19: **IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA V. JOSEPH VELLA**

(OPPOSIZZJONI GĦAL DIKJARAZZJONI TA' KAP TA' DIPARTIMENT TAL-GVERN AI TERMINI TAL-ART. 466 TAL-KAP. 12 – PRESKRIZZJONI TAĦT L-ART. 2156(G) FIR-RIGWARD TA' AZZJONIJIET TAL-GVERN GĦALL-ĦLAS TA' AMMONTI DOVUTI LILL-GVERN)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28 ta' Ġunju 2021**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Joseph Vella ("ir-rikorrent") ippreżentat fis-6 ta' Marzu 2019,

wara li rat ir-risposta tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma ("l-intimat" jew "ir-Regolatur intimat") ippreżentata fit-3 ta' April 2019[1],

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

[1] Fol 9

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tar-rikorrent, mill-Avukati Dr. Mary Rose Micallef u Dr. Carlos Bugeja,
- tar-Regolatur intimat, mill-Avukat Dr. Andre' Buttigieg,

wara li rat li fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2021 il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ordnat lir-Regolatur intimat sabiex fi żmien ġimgħatejn jippreżenta permezz ta' nota ġuramentata rendikont tal-ammont mitlub[2],

wara li rat li r-Regolatur intimat ippreżenta tali nota fis-26 ta' Jannar 2021,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Atti tal-bidu

1. Ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara t-talba tar-Regolatur intimat kontenuta fid-dikjarazzjoni li ġiet ippreżentata permezz ta' ittra uffiċjali fit-13 ta' Frar 2019[3] ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bħala waħda infondata.

2. L-Art. 466 tal-Kap. 12 jipprovdi kif ġej:

   *'466. (1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut ...*

   *(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li*

[2] Fol 26
[3] Fol 18

*ssirlu ta’ dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.*

*(3) Ir-rikors preżentat skont is-subartikolu (2) għandu jiġi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum. Il-qorti tgħaddi biex tappunta dak ir-rikors għas-smiegħ f’jum li jiġi wara li jgħaddi dak iż-żmien...’*

3. Id-dikjarazzjoni in kwistjoni kienet saret għall-ammont ta’ €3,522.67 rappreżentati ħlas ta’ arretrati ta’ drittijiet ta’ liċenzja ta’ *swimming pool* bin-numru SP 1885, fil-fond “Shamrock, St. Mary Street, Mgarr” mis-sena 2006 sas-sena 2019 inkluż penalitajiet għal pagament tardiv. Dawn id-drittijiet jemanixxu mill-Kap. 545 u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.07 tal-Liġijiet ta’ Malta.

4. Skond ir-rikorrent, it-talba hija waħda infondata stante illi *in parte* l-ammont huwa preskritt ai termini tal-Art. 2156(f) u (g) tal-Kap. 16 u *in toto* l-ammont fi kwalunkwe każ mhuwiex dovut.

5. Ir-Regolatur intimat fir-risposta tiegħu apparti li talab li jkun hemm l-inverżjoni tal-provi, talab ukoll li l-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti stante li *inter alia* l-ammont dikjarat huwa dovut lilu wara li interpella lir-rikorrent diversi drabi u wara li pproċeda bl-imsemmija ittra uffiċjali ai termini ta' dak li trid il-liġi sabiex jitlob lill-intimat iħallas dak li hu dovut minnu. L-intimat rriserva ukoll li *“jekk ikun il-każ ir-rikorrent jiġi differit għall-ġurament deċiżorju kif hemm provdut fl-artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta ...”*

6. Kif ġieli intqal mill-Qrati tagħna, hija regola ewlenija li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti kontra minn tqajmet din l-eċċezzjoni tista’ tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti eċċipjenti billi tmeri li għadda ż-żmien jew billi ġġib ‘il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa’ prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni.[4] F’każ ta’ dubju, dan imur kontra l-istess parti eċċipjenti. Din ir-regola ewlenija trid tinqara wkoll fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 2160 tal-Kapitolu 16[5].

---

[4] **Stencil Pave (Malta) Limited v. Dr. Maria Deguara et noe**, deċiża fit-30 ta’ Ottubru 2003 millQorti Civili, Prim’Awla.
[5] **Anthony Pandolfino v. ARMS Ltd** (Rik. Nru. 878/2015 RGM, deċiż 28 ta’ Jannar 2021)

7. Fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2019 xehed ir-rikorrent **Joseph Vella** li spjega li huwa jirrisjedi fil-fond 140, Shamrock, St. Mary Street, Imġarr u li kien irċieva l-ittra uffiċjali li ppreżenta kopja tagħha a fol 18 tal-proċess. Fuq mistoqsija speċifika mill-avukat tiegħu dwar jekk jiftakarx li l-ammonti mitluba fl-ittra uffiċjali qatt kienx ħallashom jew le, huwa talab lill-avukat tiegħu stess biex jgħidlu liema huma. Meta imbagħad l-avukat staqsieh **jekk jiftakarx li huwa qatt ħallas xi taxxa jew dritt** lir-Regolatur intimat, ir-rikorrent wieġeb li ma jiftakarx.

8. Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2020 xehdet **Rachel Schooling**, impjegata tar-Regolatur intimat li tieħu ħsieb tibgħat l-avviżi għat-tiġdid tal-liċenzji u r-*reminders* meta jkun hemm l-arretrati. Fuq dan il-każ partikolari hija spjegat illi "*Dak ilu jhallas mit- 2006. Kull sena nibghatu r- renewals, nibaghtu r-reminders ukoll u qabel immur il- Qorti nibghat registered reminder imma dak gie lura. Claimed.*" Għall-mistoqsija dwar jekk qattx kien hemm xi forma ta' opposizzjoni uffiċjali min-naħa tar-rikorrent matul dan iż-żmien kollu li ma' ħallasx il-miżati, ix-xhud wieġbet fin-negattiv. In kontroeżami meta ġiet mistoqsija jekk ir-Regolatur intimat qatt kienx bagħat u nnotifika lir-rikorrent b'xi ittra uffiċjali, hija wieġbet li ma' kienetx taf.

9. Il-Qorti tqis li l-ammonti mitluba mir-Regolatur intimat jaqgħu taħt l-Art. 2156(g) tal-Kap. 16 fis-sens illi huma *"other dues"* (it-test Malti "taxxi oħra" ma' tantx huwa feliċi) dovuti lill-Gvern ta' Malta u għalhekk fin-nuqqas ta' xi liġi speċjali li tirregolahom l-azzjoni għall-ħlas tagħhom taqa' bil-preskrizzjoni ta' ħames snin.

10. Min-nota ġuramentata ppreżentata mill-intimat jirriżulta rendikont tal-arretrati li akkumulaw matul is-snin, sewwasew mis-sena 2006 sal-2019. Issa skond l-Artikolu 7(2) tal-L.S. 545.07, *"kull liċenzja maħruġa taħt dawn ir-regolamenti tagħlaq fl-aħħar jum tax-xahar ta' Diċembru tas-sena li għaliha dik il-liċenzja tkun tirreferi*". Il-perjodu preskrittiv jibda jgħaddi *"minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata*"[6] Fin-nuqqas ta' informazzjoni speċifika il-Qorti sejra tqis illi kull sena imniżżla f'dan ir-rendikont tirreferi għall-ħlas ta' liċenzja dovut għall-perjodu li jibda fl-ewwel ġurnata u li jagħlaq fl-aħħar ġurnata ta' dik is-sena kif ukoll il-penali dovuta

[6] Art. 2137 tal-Kap. 16

għal dik is-sena minħabba nuqqas ta' ħlas. Għalhekk il-Qorti tara fl-aħħar ħames snin qabel l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Frar 2019 akkumulaw is-segwenti:

| **Sena** | **Arretrati** | **Penali** | **Sub-total** |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 12 Fra - 31 Diċ 2014[7] | € 176.99 | € 59.00 | € 235.99 |
| 1 Jan - 31 Diċ 2015 | € 230.00 | € 76.67 | € 306.67 |
| 1 Jan - 31 Diċ 2016 | € 230.00 | € 76.67 | € 306.67 |
| 1 Jan - 31 Diċ 2017 | € 230.00 | € 76.67 | € 306.67 |
| 1 Jan - 31 Diċ 2018 | € 230.00 | € 76.67 | € 306.67 |
| 1 Jan – 13 Fra 2019[8] | € 27.73 | | € 27.73 |
| | | **TOTAL** | **€1,490.40** |

11. L-Artikolu 2160(1) tal-Kap. 16 jesiġi li l-preskrizzjonijiet imsemmija *inter alia* fl-Art. 2156 "*m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li* ***mhumiex debituri****, jew* ***li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa***"[9]

12. Fis-sentenza fl-ismijiet "**Dr. Stephen Muscat nomine et v. Nicholas Grima et**." (Rik. Nru. 761/16 GM, deċiża 2 ta' Settembru 2020), il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk fuq dan is-subartikolu:

*"Illi mill-promulgazzjoni tal-Kodiċi Ċivili sal-Att numru I tas-sena 2017, l-Art. 2160 kien joħloq u jirregola l-ġurament deċiżorju, mogħti mill-pretiż kreditur lill-allegat debitur, abbażi ta' domanda uniku u preċiża: jekk huwiex debitur, jew jekk jiftakarx li l-ħaġa ġietx imħallsa. Id-debitur kellu jwieġeb dawn id-domandi skont il-formola, u xejn iżjed. Il-kreditur ma setax jistaqsi domandi oħrajn flimkien jew wara din id-domanda. Jekk id-debitur iwieġeb fin-negattiv, allura l-preskrizzjoni tkun ġiet ippruvata. Effettivament id-debitur ikun ġie ttrasformat f'ġudikant tiegħu nnifsu. It-tweġiba kienet tkun tassew waħda deċiżorja għax taqta' l-kwistjoni irrispettivament jekk id-debitur ikunx qiegħed jigdeb jew jgħid il-verita jew jekk il-ġudikant jemmnux jew le. Illi permezz tal-Att I tal-2017 (li b'għaġġla kbira reġa' ġie emendat bl-Att*

---

[7] Ikkalkolati *pro rata*
[8] *ibid*
[9] Emfasi tal-Qorti

*VII.2017), il-ġurament ikkontemplat fl-Art. 2160 għadda minn vera u proprja metamorfosi, għaliex tbiddlet in-natura tiegħu. Ma baqax jitratta ġurament deċiżorju* (f'dan ir-rigward din il-Qorti tirrimarka li r-rikorrenti għandu jaġġorna l-fehmiet tiegħu konformement) *li, li kien isir b'għażla tal-kreditur u a riskju tiegħu minħabba li t-tweġiba kellha effett probatorju assolut u awtomatiku li ma setax jiġi mpunjat. Il-ġurament li l-konvenut mhux debitur issa ma jingħatax mill-pretiż kreditur a xelta tiegħu, imma mill-allegat debitur bilfors u fuq inizjattiva tiegħu stess bħala element kostituttiv tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni brevi. Il-ġurament ma baqax deċiżiv għaliex id-debitur li jkun ħadu jista' jiġi assoġġettat għall-kontro-eżami: Dak li kien ġurament deċiżorju, illum, mhux bilfors baqa' deċiżorju. Jista' jkun li ġie reż fi prova bħal kull prova oħra in sostenn jew in kontradittorju tal-pretenzjoni fil-kawża.*

*Illi filwaqt li fl-Art. 2160 oriġinali, l-istqarrija tal-konvenut riedet issir meta jiġi deferit lilha l-ġurament (u dan bilfors kellu jkun hekk) fl-Art. 2160 kif issa emendat, il-ġurament li mhuwiex debitur jista' jittieħed f'kull waqt tal-kawża"*

13. Minkejja l-bdil radikali fl-Art. 2160, il-ħtieġa li l-persuna li jeċepixxi l-preskrizzjoni jistqarr li mhuwiex debitur jew li ma' jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa, baqgħet l-istess.

14. F'dan il-każ meta r-rikorrent tela' jixhed minn jeddu fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2019, inizjalment ma' weġibx meta ġie mistoqsi jekk l-ammonti indikati fir-rendikont qattx kienu tħallsu jew le minnu (jew aħjar wieġeb il-mistoqsija b'mistoqsija oħra). Iżda meta sussegwentement ġie mistoqsi **jekk jiftakarx li huwa qatt ħallas xi taxxa jew dritt** lir-Regolatur intimat, ir-rikorrent wieġeb li ma jiftakarx. Għalkemm ir-rikorrent seta' kien ftit iżjed preċiż f'din id-dikjarazzjoni stante illi strettament huwa kellu jgħid li ma' jiftakarx jekk l-**ammont mitlub** (i.e. mhux kwalunkwe ammont) kienx tħallas jew le, il-Qorti tara illi d-dikjarazzjoni tiegħu illi ma' jiftakarx jekk qattx kiex ħallas xi taxxa jew dritt lill-intimat hija valida stante illi min-natura tagħha tinkorpora fiha ukoll kwalunkwe ammonti mitluba mill-istess intimat.

15. Ma' tressqet l-ebda prova kuntrarja li l-perjodu ta' preskrizzjoni ġie interrott b'xi att ġudizzjarju, jew li kien hemm xi rikonoxximent tad-debitu jew li kien hemm xi ħlasijiet fil-passat li setgħu jinterrompu l-preskrizzjoni.

16. Finalment, minkejja l-eċċezzjoni tar-rikorrent illi fi kwalunkwe każ l-ammont mitlub mill-intimat mhuwiex dovut fl-intier tiegħu, r-rikorrent ma' ressaq l-ebda provi ulterjuri oltre dawk li jirrigwardaw l-eċċezzjoni tiegħu tal-preskrizzjoni kwinkwennali.

**Deċiżjoni**

17. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' *in parte* it-talba tar-rikorrenti fis-sens illi tiddikjara li parti mill-ammont mitlub mir-Regolatur intimat fid-dikjarazzjoni maħlufa annessa mal-ittra uffiċjali tiegħu tat-13 ta' Frar 2019 ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa preskritt taħt l-Art. 2156(g) tal-Kap. 16, u ċioe dak l-ammont li jirrappreżenta l-arretrati u l-penalitajiet għall-perjodu li jmur iktar lura minn ħames snin qabel ma' ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali msemmija. L-ammont dovut mid-dikjarazzjoni msemmija huwa għalhekk dak ta' €1,490.40 (mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi ammonti oħra li setgħu ġew dovuti mir-rikorrent lill-intimat wara t-13 ta' Frar 2019).**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur